# FIL-QORTI KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**vs**

**Abdul Yousef ABIB**

**Ammissjoni Nru: 3/2023**

Illum 25 ta' Mejju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-akkuzat **Abdul Yousef ABIB**, ta' 21 sena, imwieled f'Luq, fis-Somalja fl-1 t' April 2001 u detentur tal-karta tal-identita 9003976A u PD Form 20J-026 fejn ġie akkuzat, in suċċint, talli f'Malta, fil-Ħamrun, fid-19 ta' Lulju 2022 ikkommetta:

1. konġunġiment karnali b'xi parti tal-ġisem li mhix organu sesswali fuq il-persuna ta' Charles Cirillo u dan filwaqt li Cirillo ġie offiż fuq il-persuna tiegħu;
2. konġunġiment karnali b'xi parti tal-ġisem li mhix organu sesswali fuq il-persuna ta' Antoinette Cauchi u dan filwaqt li Cauchi ġiet offiża fuq il-persuna tagħha;

3. atti ta’ natura sesswali mingħajr kunsens fuq Charles Cirillo u li ġie wkoll offiż fuq il-persuna tiegħu fejn l-att ma kienx wieħed minn dawk imsemmija fl-artikoli 198 sa 206 tal-Kodiċi Kriminali;
4. atti ta’ natura sesswali mingħajr kunsens fuq Antoinette Cauchi u li ġiet ukoll offiża fuq il-persuna tagħha fejn l-att ma kienx wieħed minn dawk imsemmija fl-artikoli 198 sa 206 tal-Kodiċi Kriminali;
5. arrest, detenzjoni jew sekwestru ta’ Charles Cirillo kontra l-volonta tiegħu b’dan li dan id-delitt sar biex Cirillo jiġi mġiegħel jagħmel jew joqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tiegħu;
6. arrest, detenzjoni jew sekwestru ta’ Antoinette Cauchi kontra l-volonta tagħha b’dan li dan id-delitt sar biex Cauchi tiġi mġiegħla tagħmel jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha;
7. offiża ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Charles Cirillo;
8. offiża ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Antoinette Cauchi;
9. serq kwalifikat bil-vjolenza, valur u ħin fil-konfront ta’ Charles Cirillo li kien għalaq is-sittin sena.

Rat illi wara li l-akkużat ġie mressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja l-akkużat kien iddikjara ruħu mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu biex b’hekk dik il-Qorti ssoktat bil-kompilazzjoni tal-provi fil-każ tiegħu;

Rat il-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati tat-30 ta’ Marzu 2023, fejn l-akkużat ABIB ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkonferma tali ammissjoni anke wara li l-Qorti akkordatlu żmien biex jikkunsidra din l-ammissjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fir-Reġistru ta’ din il-Qorti fis-17 ta’ April 2023 fejn iddikjarat li ai termini tal-artikolu 392B(2) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputazzjonijiet kif adebitati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u li għalihom l-imputat kien irreġistra l-ammissjoni fuq imsemmija, għandhom jitqiesu bħala Att ta’ Akkuża għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi.

Rat ir-rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużat ABIB, preżentat fil-15 ta’ Mejju 2023 fejn filwaqt li għamlu riferenza għall-ammissjoni reġistrata mill-imputat u għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 392B(5)(a) tal-Kodiċi Kriminali, konġuntement iddikjaraw li qablu u talbu lil din il-Qorti timponi fuq l-akkużat ABIB il-piena ta’ priġunerija effettiva għal perijodu ta’ **seba’ (7) snin u disa’ (9) xhur** u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra konsegwenzjali għad-dikjarazzjoni u sejbien ta’ ħtija ai

termini tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż sanzjoni taħt l-artikolu 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-ħati.

**Ikkunsidrat**

1. Illi wara li din il-Qorti fliet l-atti tal-każ, tqis li ma tistax tilqa' l-ftehim milħuq bejn il-partijiet in kwantu l-minimum tal-piena li għandha tingħata għar-reati kontestati bil-mod kif ġew imwetqa skont kif jirriżulta mill-provi li laħqu inġabru s'issa, għandha tkun ftit għola minn dik maqbula bejn il-partijiet. Dan qiegħed jingħad għar-raġunijiet li ġejjin:

2. Qabel xejn f'dan il-każ ir-reati kontestati lill-akkużat ma kienux ġew minsuġa ma xulxin bil-formula tar-reat kontinwat. Kif deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri fl-appell kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Gatt** tat-12 ta' Diċembru 2013:

   > 18. Kwantu għall-artikolu 18, dan la hu kontemplat fil-Kapi individwalment u lanqas bejn it-Tieni u t-Tielet Kap stante li jidher li si tratta ta' infrazzjonijiet distinti. Fi kwalunkwe każ fejn il-prosekuzzjoni ma tkunx ikkontemplat diversi infrazzjonijiet bħala reat kontinwat, l-uniku rimedju hu li jekk il-Qorti tara li d-diversi infrazzjonijiet kellhom jigu ttrattati bhala reat kontinwat, il-Qorti għandha timmodera u tadegwa l-piena għaċ-ċirkostanzi.

3. B'hekk il-Qorti trid teroga piena għar-reati kontestati lill-akkużat iżda għandha s-setgħa tadegwa l-piena għaċ-ċirkostanzi.

4. L-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet jirriflettu r-reat ta' stupru fis-sensi tal-artikoli 198(1) prov (3)(4) u 202(f) tal-Kodiċi Kriminali. Dawn jikkostitwixxu r-reat ta' stupru in kwantu l-penetrazzjoni ma tkunx ġiet eżegwita bil-mezz ta' organu sesswali. Iżda l-Liġi xorta waħda tippenalizza dan l-att bi priġunerija li tvarja bejn tliet (3) snin u disa' (9) snin. Iżda fil-każ fejn id-delitt tal-istupru jiġi kommess fuq persuna li tiġi wkoll offiża fuq il-persuna tagħha, il-piena tiżdied bi

grad jew żewġ gradi. Għalhekk il-piena minima titla' bi grad għal erba' (4) snin priġunerija jew b'żewġ gradi għal ħames (5) snin priġunerija filwaqt li l-piena massima mentri dik massima titla' bi grad għal tnax (12) il-sena priġunerija jew b'żewġ gradi għal għoxrin (20) sena priġunerija.

5. Fix-xiehda li Charles Cirillo ta lill-perit tekniku Dr. Mario Scerri a fol 66 jirriżulta li l-akkużat niżżillu l-qalziet ta' fuq u prova jdaħħal subgħajh fil-warrani tiegħu iżda ma rnexxielux. Pero fl-NPS a fol 134 ir-rakkont ta' Cirillo miġbur mill-Kuntistabbli 2169 jgħid li Cirillo qallu li l-akkużat mar quddiemu u ried ikollu x'jaqsam miegħu, ġera warajh, ħadlu l-mobile, l-akkużat ħareġ ġismu barra, beda jaqbad il-warrani ta' Cirillo, taħ xi tliet daqqiet u daħħallu subgħajh fil-warrani tiegħu u ħarab jiġri bil-mobile tiegħu. Dr. Mario Scerri ikkonkluda li l-akkużat ipprova jdaħħal subgħajh fl-anus ta' Cirillo iżda ma kienx hemm evidenza ta' leżjonijiet madwar l-anus. Iżda jibqa' l-fatt li l-akkużat ammetta għar-reat ta' stupru wkoll fuq Cirillo, li fil-frattemp laqqat xi daqqiet ukoll mill-akkużat fil-mument li kien qiegħed jipprova li jikkommetti l-istupru fuqu.

6. Mill-banda l-oħra l-verżjoni tal-fatt riċevuta minn Dr. Mario Scerri fir-rigward ta' Antoinette Cauchi hija iżjed ċara in kwantu tixhed li l-akkużat, wara li tefagħha mal-art u neħħielha x-shorts u l-qalziet ta' taħt, f'daqqa waħda daħħal **idu** fil-vaġina tagħha. Dan wassal biex ikkawżalha abrażjoni fil-vaġina li kienet baqgħet "tnixxi at 5 o'clock" – iġifieri baqa' ħiereġ id-demm minn din l-abrażjoni siegħat wara li seħħ l-inċident. Minbarra li allura ġie stuprata b'id l-akkużat Cauchi ġiet ukoll offiża fuq il-persuna tagħha fil-kommissjoni ta' dan l-istupru.

7. It-tielet u r-raba' imputazzjonijiet huma relattivi għal atti ta' natura sesswali mingħajr kunsens u li ma jkunux uħud mid-delitti tentati jew konsumati msemmija fl-artikoli 196 sa 206 tal-Kodiċi Kriminali. F'dan il-każ peress li l-akkużat ammetta għall-kommissjoni tar-reati ta' stupru fuq iż-żewġ vitmi tiegħu, il-Qorti tista' tqishom alternattivi għall-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet u eventwalment tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom.

8. Il-ħames u s-sitt imputazzjonijiet jipotizzaw l-estremi tal-arrest illegali fis-sensi tal-artikolu 86 kwalifikat bl-artikolu 87(1)(g) tal-

Kodiċi Kriminali in kwantu l-vitmi ġew ristretti u miżmuma kontra r-rieda tagħhom bħala mezz biex setgħa jitwettaq l-istupru fuqhom u għalhekk ġew miżmuma kontra r-rieda tagħhom biex jiġu mġegħla jagħmlu xi ħaġa jew joqgħodu għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħhom. B'hekk bis-saħħa tal-artikolu 17(h)F'dan il-każ allura għalkemm il-piena tvarja bejn 13 il-xahar u 6 snin priġunerija, tista' tqis li bis-saħħa tal-artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali dawn ir-reati jitqiesu li ġew kommessi iżda mwetqin bħala mezz biex ikun jista' jitwettaq id-delitt iżjed gravi ta' stupru fis-sensi tal-artikolu 198(1) prov tal-Kodiċi Kriminali. B'hekk tiġi applikata l-piena għar-reat iktar gravi ossija l-istupru.

9. Is-seba' akkuża titratta l-offiża ta' natura gravi kommessa fuq il-vitma Charles Cirillo. Mix-xiehda ta' Dr. Mario Scerri jirriżulta li l-offiża li ssubixxa Cirillo kienet waħda ta' laċerazzjoni li tibqa' marka permanenti fil-wiċċ. Din hija offiża ta' natura gravissima fis-sensi tal-artikoli 214, 215 u 218(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali in kwantu l-laċerazzjoni fuq moħħ il-vitma tinsab eżatt fil-"forehead", hija laċerazzjoni li kellhom jiġu applikati erba' ponti, din kienet tħalli ċikatriċi u għalhekk anke kif ikkonkluda l-espert mediko-legali din il-marka tibqa' permanenti fil-wiċċ.

10. Għalkemm l-akkużat ammetta li stupra lil Cirillo, u li kkaġunalu offiżi fuq il-persuna tiegħu – u din il-Qorti għarfet li kien hemm ukoll offiżi oħra ta' natura minuri li ġew kawżati mill-akkużat fuq il-persuna ta' Cirillo – kif del resto jirriżulta wkoll mir-relazzjoni mediko-legali, il-laċerazzjoni magħmula fuq wiċċ Cirillo seħħet wara li ġie kommess is-serq tal-mobile ta' Cirillo u wara li Cirillo ġie stuprat.

11. Il-problema hija jekk din tistax titqies bħala assorbita għall-fini ta' piena fir-reat iżjed gravi ta' stupru vjolenti. Il-kwistjoni hija jekk din l-offiża kienetx offiża kommessa fil-kuntest tal-istupru jew kienetx offiża li, għalkemm kommessa f'kuntest fattwali waħdieni tistax titqies li kienet tikkostitwixxi fatt **<u>ġuridiku</u>** waħdieni. F'dan il-każ id-daqqa fuq moħħ il-vittma ma jirriżultax li ingħatat fil-mument preċedenti jew konkomitanti l-att tal-istupru jew it-tentattiv tiegħu. Mix-xiehda ta' Cirillo quddiem Dr. Mario Scerri, minn dak mistqarr minnu mal-Pulizija u minn dak osservat minn xhud okulari li ġie mitkellem mill-Pulizija skont kif jirriżulta mill-NPS, id-daqqa fuq moħħ Cirillo ingħatat **<u>wara</u>** li Cirillo kien ġie stuprat, meta Cirillo kien

inqala minn mal-akkużat u saħansitra kien qasam it-triq u l-akkużat mexa warajh. Fl-istqarrija rilaxxjata minn Oliver Salazar Dizon a fol 136 lil Pulizija, id-daqqa fuq wiċċ Cirillo seħħet qabel ma l-akkużat telaq minn fuq il-post: "taħ daqqa u telaq". Anke a fol 66 meta xehed quddiem Dr. Mario Scerri, Cirillo jgħid li meta l-akkużat ma rnexxielux idaħħal subgħajh fil-warrani ta' Cirillo, Cirillo telaq l-hemm, l-akkużat mexa warajh, beda jiġri, u f'daqqa waħda tah daqqa fuq moħħu. Dan allura juri aggressjoni fuq Cirillo li kienet seħħet xi ħin – għalkemm wieħed qasir – wara li kien seħħ l-att tal-istupru. Dak id-distakk spazjo-temporali, għalkemm qasir in kwantu distanti ftit sekondi u ftit metri l-bogħod mnejn kien seħħ l-istupru, kien sussegwenti għal dak l-istupru u allura ritenibbli ġuridikament distint mill-istess stupru. L-akkużat jiġi passibbli għall-offiża gravissima indipendentement. F'dak il-każ il-piena applikabbli għall-dik l-offiża gravi u permanenti fuq wiċċ Cirillo ġġorr il-piena ta' bejn ħames (5) snin priġunerija u għaxar (10) snin priġunerija.

12. It-tminn imputazzjoni hija marbuta mal-offiża li ssubiet Cachia fil-vaġina tagħha meta l-akkużat daħlilha l-pala t'idu. Din l-offiża rriżultat f'laċerazzjoni li fiċ-ċirkostanzi hija klassifikabbli bħala li taqa' fil-parametri tal-offiża gravi fis-sensi tal-artikolu 214, 215 u 216(1)(a)(ii)(iv) tal-Kodiċi Kriminali punibbli bi priġunerija li tvarja bejn sena (1) sa seba' (7) snin. Iżda minħabba li din l-offiża saret filwaqt u sabiex l-akkużat setgħa jikkommetti d-delitt tal-istupru fuq din il-mara, għalkemm ikun irid jiġi misjub ħati ta' dan ir-reat xorta waħda, il-piena għal din l-offiża tiġi assorbita f'dik tal-istupru in kwantu l-istupru hija l-offiża iżjed gravi.

13. Id-disa' imputazzjoni hija dik ta' serq kwalifikat fuq persuna li tkun għalqet is-sittin sena. Il-provi prodotti fl-atti juru li s-serqa tal-mobile phone saret fil-bidu tal-inċidenti bejn Cirillo u l-akkużat. Fix-xiehda li ta quddiem Dr. Mario Scerri, Cirillo ma semma xejn dwar is-serq tal-mobile phone. Imbagħad fil-PIRS a fol 134 ġie rappurtat mill-Kuntistabbli 2169 li Cirillo stqarr li l-ewwel l-akkużat mar quddiemu, ried li jkollu x'jaqsam miegħu, ġera warajh u ħadlu l-mobile phone; l-akkużat beda joħroġ ġismu barra u jaqbad il-warrani ta' Cirillo, tah tliet daqqiet, l-akkużat daħħal subgħajh fil-warrani ta' Cirillo, u ħarab bil-mobile ta' Cirillo. Il-vjolenza eżerċitata, ma kienetx daqshekk marbuta mal-att tas-serq tal-mobile daqskemm mal-kollutazzjoni ma' Cirillo biex ikun jista' jitwettaq l-istupru. Iżda

apparti li l-akkużat ammetta li kkommetta dan is-serq kwalifikat ukoll bil-vjolenza, jirriżulta li anke fil-bidu tal-inċidenti bejn l-akkużat u Cirillo, l-akkużat kellu alterkazzjoni ma' Cirillo fejn dan kien ukoll sofra minn abrażjoni fuq wara ta' widintu, klassifikabbli bħala offiża ta' natura ħafifa. Biss din l-offiża seħħet qabel ma ġiet kawżata l-offiża gravi u permanenti li Cirillo sofra fuq wiċċu, li però, kif ingħad ġiet kawżata wara li l-akkużat kien seraq il-mobile phone ta' Cirillo u wara li Cirillo ġie stuprat. Għalhekk jiġi serq kwalifikat skont l-artikoli 261(a)(c)(f), 262(1)(a), 267, 270, 274(c), 276A, 279(a), 280(1) tal-Kodiċi Kriminali. B'hekk il-piena applikabbli tkun dik ta' bejn sentejn (2) u ħames (5) snin – iżda ma tingħatax fil-minimum. B'hekk skont l-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali, il-piena erogabbli fil-minimum meta tiżdied bi grad titla' għal priġunerija li tvarja bejn minimum ta' tliet (3) snin u massimu ta' sitt (6) snin. Għalhekk il-piena finali jrid ikun fiha almenu terz tad-differenza bejn il-minimum u l-maximum: 6 - 3 = 3. 3 diviż bi 3 = 1. Iżda minħabba li l-iskala ta' din il-piena tipprovdi għal minimum u maximum li huma qrib biss, il-minimum imsemmi fl-artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali jiġi anqas mill-minimum imsemmi fl-artikolu nnifsu. Għalhekk f'dawn il-każijiet ikun irid japplika l-minimum skont kif ikun imsemmi fl-artikolu nnifsu. Il-minimum f'dan il-każ għandu jittieħed li huwa tliet (3) snin.

14. B'hekk il-piena finali, espressa bil-prinċipji msemmija iżjed il-fuq, bl-applikabilita' tal-artikolu 17(b)(h) tal-Kodiċi Kriminali, applikat b'mod l-iżjed vantaġġjuż għall-akkużat, tiġi kalkulata bil-mod segwenti:

| | Minimum | Art 17(b) = 1/3 |
|---|---|---|
| a. Stupru 1 | 4 snin (48) | 48 xahar |
| b. Stupru 2 | 4 snin (48) | 16 il-xahar |
| c. 3 u 4 alternattivi | | |
| d. 5 u 6 mezz għal fini | | |
| e. 7 akkuża 218 | 5 snin (60) | 20 xahar |
| f. 8 akkuża Assorbita 1 | | |
| g. 9 akkuża serq kwalifikat vjolenza | 3 snin (36) | 12 il-xahar |

**96 / 12 = 8 snin**

15. Għal din ir-raġuni, il-minimum tal-piena erogabbli f'dan il-każ, skont l-interpretazzjoni tal-fatti magħmula minn din il-Qorti stando mal-provi prodotti, tiġi ftit xhur iżjed minn dak maqbul bejn il-partijiet fir-rikors konġunt bejniethom. Huwa għalhekk li din il-Qorti ma tistax tilqa' din it-talba.

16. Il-Qorti spjegat li l-akkużat, fil-preżenza tal-avukat difensur tiegħu u tal-interpreti debitament maħtura li hija ma kienetx f'qagħda li tilqa' l-ftehim milħuq bejnu u bejn l-Avukat Ġenerali. Minkejja dan, l-akkużat xorta waħda għażel li jtenni l-ammissjoni għar-reati kommessi minnu anke quddiem din il-Qorti. Din il-Qorti spjegatlu u wissietu bi kliem sempliċi u li jinftiehem il-fatt li din il-Qorti kienet sejra tgħaddi biex timponi fil-konfront tiegħu il-piena spettanti lilu skont il-Liġi u dan fit-termini tal-artikolu 392B(4) tal-Kodiċi Kriminali.

17. F'dan is-sens din il-Qorti kkunsidrat il-fatturi segwenti:

a. Kwantu għall-ħsara inflitta fuq il-vitmi:

i. F'dan il-każ l-akkużat ikkommetta żewġ stupri fuq żewġ persuni differenti;
ii. dawn iż-żewġt stupri kien kommessi mill-akkużat fil-forma minuri fis-sens li dawn l-istupri, għalkemm xorta jibqgħu vjolenza sesswali ta' natura serja, pero' ġew kommessi b'parti tal-ġisem tal-akkużat li mhix organu sesswali;
iii. Iż-żewġ stupri seħħew separatament minn xulxin, għalkemm f'distanza ta' ftit ħin bejn l-ewwel stupru u t-tieni stupru;
iv. Fiż-żewġ istanzi l-vitmi ta' dawn l-istupri kienu ġew offiżi fuq il-persuna tagħhom, kwantu għall-mument tal-istupru l-vitma maskili sofra offiżi ħfief mentri l-vitma femminili sofriet offiżi gravi;
v. Biex setgħu iseħħu dawn l-istupri l-akkużat żamm lil vitmi tiegħu kontra r-rieda tagħhom;

b. Kwantu għall-grad ta' ħtija tal-akkużat:

i. dan ma kienx każ li jeħtieġ xi grad għoli ta' pjanifikar;
ii. l-akkużat aġixxa waħdu fil-kommissjoni tad-delitti;
iii. l-akkużat kien rapurtat li stqarr li huwa kien mar jixrob dakinhar tal-inċidenti;

iv. ma jirriżultax li kien hemm konoxxenza preċedenti bejn l-aggressur u l-vitmi tiegħu;

v. ma jirriżultax li l-akkużat kellu preċedenti penali, inkluż dawk ta' matriċi sesswali f'Malta; mhux magħruf jekk kellux preċedenti penali fis-Somalja, l-pajjiż li ġie minnu l-akkużat;

vi. fil-każ ta' Charles Cirillo l-istupru ma kienx l-uniku offiża li huwa subixxa minn taħt idejn l-akkużat; Cirillo ġie wkoll misruq b'mod kwalifikat u offiż b'mod gravi u permanenti fuq il-persuna tiegħu mill-akkużat – indipendentement mill-att tal-istupru;

vi. il-vitmi magħżula mill-akkużat kien t-tnejn li huma persuni anzjani – raġel u mara – u għalhekk partikolarment vulnerabbli;

vii. l-aggressjoni sesswali seħħet matul il-lejl u fi triq pubblika;

viii. l-akkużat irreġistra ammissjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-30 ta' Marzu 2023. B'hekk l-ammissjoni tiegħu tista titqies bħala waħda li kienet ta' natura bikrija fis-sens li bl-ammissjoni tiegħu l-akkużat evita li jgħaddi ġuri. Il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għall-prinċipji imsemmija fis-sentenzi **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi,**[1] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri,**[2] **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa.**[3]

**Għaldaqstant, din il-Qorti, in vista tal-ammissjoni reġistrata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, sussegwentement konfermata dakinhar stess, u mtennija quddiem din il-Qorti, tiddikjara lil Abdul Yousef ABIB ħati talli f'Malta, fil-Ħamrun, fid-19 ta' Lulju 2022 ikkommetta:**

1. **konġunġiment karnali b'xi parti tal-ġisem li mhix organu sesswali fuq il-persuna ta' Charles Cirillo u dan filwaqt li Cirillo ġie offiż fuq il-persuna tiegħu;**
2. **konġunġiment karnali b'xi parti tal-ġisem li mhix organu sesswali fuq il-persuna ta' Antoinette Cauchi u dan filwaqt li Cauchi ġiet offiża fuq il-persuna tagħha;**
3. **atti ta' natura sesswali mingħajr kunsens fuq Charles Cirillo u li ġie wkoll offiż fuq il-persuna tiegħu fejn l-att ma kienx wieħed minn dawk imsemmija fl-artikoli 198 sa 206 tal-Kodiċi Kriminali;**
4. **atti ta' natura sesswali mingħajr kunsens fuq Antoinette Cauchi u li ġiet ukoll offiża fuq il-persuna tagħha fejn l-att ma kienx**

[1] Deċiża mill-Qorti Kriminali nhar l-24 ta' Frar 1997.
[2] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Lulju 2002.
[3] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-17 ta' Lulju 2002.

wieħed minn dawk imsemmija fl-artikoli 198 sa 206 tal-Kodiċi Kriminali;

5. arrest, detenzjoni jew sekwestru ta' Charles Cirillo kontra l-volonta tiegħu b'dan li dan id-delitt sar biex Cirillo jiġi mġiegħel jagħmel jew joqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tiegħu;
6. arrest, detenzjoni jew sekwestru ta' Antoinette Cauchi kontra l-volonta tagħha b'dan li dan id-delitt sar biex Cauchi tiġi mġiegħla tagħmel jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha;
7. offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Charles Cirillo;
8. offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Antoinette Cauchi;
9. serq kwalifikat bil-vjolenza, valur u ħin fil-konfront ta' Charles Cirillo li kien għalaq is-sittin sena.

Għalhekk wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 31, 86, 87(1)(g), 198(1) proviso (3)(4), 202(f), 207, 214, 215, 216(1)(a)(ii)(iv), 218(1)(b), 261(a)(c)(f), 262(1)(a)(2), 267, 270, 274(c), 276A, 277(a), 280(2)(3), 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lil Abdul Yousef ABIB għall-piena ta' tminn snin priġunerija.

Skont l-artikolu 532A tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tordna lill-ħati sabiex iħallas lil Charles Cirillo l-ammont ta' mija u ħmistax il-euro (€115) rappreżentanti danni sofferti mis-serqa tal-mobile phone f'dan il-każ.

Skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali tordna lill-ħati ABIB sabiex iħallas is-somma ta' ħamest elef, disa' mija u erbgħin euro sitta u sittin ċenteżmi (€5940.66) rappreżentanti l-import tal-ispejjeż peritali inkorsi f'dan il-każ.

Fis-sensi tal-artikolu 6(2) tal-Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza għandha tiġi notifikata lir-Reġistratur sabiex isem il-ħati jiġi iskritt fir-Reġistru mniedi taħt dik il-Liġi.

Apparti minn hekk il-Qorti tordna li l-identitajiet tal-vitmi f'dan il-każ ma għandhom bl-ebda mod jiġu mxandra.

Din il-Qorti ġiet ukoll informata li parte civile minnhom xtaqet lil din il-Qorti tgħaddi biex tordna d-deportazzjoni tal-ħati barra minn Malta. Biss din il-Qorti ma għadx għandha s-setgħa li tordna d-deportazzjoni ta' persuna minn Malta. Qabel l-2004 dawn il-Qrati kellhom is-setgħa li jordnaw li persuni dikjarati immigranti projbiti

**jiġu deportati barra minn Malta taħt l-artikoli 14 u 15 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni kif kienet dak iż-żmien. Iżda bl-emendi introdotti fl-2004 fl-Att dwar l-Immigrazzjoni, ordni ta' deportazzjoni tista' ssir fis-sensi tal-artikolu 22 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni mill-Ministru responsabbli għall-immigrazzjoni filwaqt li ordnijiet ta' tneħħija jew ordnijiet ta' ritorn jistgħu isiru mill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni inter alia taħt l-artikoli 5, 10 u 14 tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**B'hekk mhux possibbli għal din il-Qorti li tordna li ABIB jiġi mkeċċi, deportat jew ritornat lura lejn pajjiżu – minkejja li huwa nstab ħati ta' reati kriminali serji u suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux anqas minn sena u li skont il-Liġi tirrendih, ceteris paribus, immigrant ipprojbit.**

**Iżda tajjeb li kulħadd iżomm f'moħħu li <u>kull min</u> jgħix f'Malta, <u>ġej minn fejn ġej, u irrispettivament minn ta liema nisel ikun,</u> dment li jkun jirrispetta l-liġijiet ta' dan il-pajjiż, għandu jkun <u>hu</u> l-ewwel li jingħata l-kenn u l-protezzjoni minn persuni li, bħall-ħati, jabbużaw mill-kenn u protezzjoni li jkun qed jingħata lilhom f'Malta.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**